# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Awwissu 2017**

**Numru 4**

**Rikors numru 321/17**

**Gertrude Zammit**

**v.**

**John Mark sive Mark Zammit**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment moghti fuq rikors prezentat mill-attrici [l-omm] fit-18 ta' Lulju 2017 li permezz tieghu, wara li ppremettiet li t-tfal inghataw mill-konvenut [il-missier] basket b'pakketti tal-ikel konsistenti fi snacks u affarijet ohra tal-ikel bhal juice u ilma fil-flixkun, sabiex inaqruhom waqt li jkunu ghand l-attrici fil-hin tal-access u, wara li ppremettiet li dan ma kienx fl-interess tat-tfal peress li t-tfal mhumiex qed jieklu mill-ikel li

tippreparalhom hi, qed titlob li din il-Qorti "*taghti direzzjonijiet fl-ahjar interess tal-minuri u dan spejcjalment ghal dak li jirrigwarda l-ikel tat-tfal*".

Din il-Qorti, wara li semghet lill-partijiet bil-gurament, semghet it-trattazzjonijet orali u semghet it-tfal kameralment, tosserva li l-ilment tal-omm huwa fil-principju validu inkwantu waqt l-access it-tfal ghandhom jigu mhajjra jieklu ikel bnin preparat ghalihom, f'dan il-kaz minn ommhom, u mhux jigbghu billi jieklu snacks tal-pakkett li jkunu gabu maghhom minghand il-missier.

Ghalhekk fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-missier qed jigi ordnat li ma jibghatx ikel jew pakketti tal-ikel mat-tifla meta din ikollha l-access mal-omm u huwa l-obbligu tal-omm li waqt l-access din tipprovdi ghall-ezigenzi kollha tat-tifla inkluz dawk alimentari.

Min-naha l-ohra huwa l-obbligu tal-omm li tuza' diskrezzjoni u prudenza dwar kif l-ahjar tagixxi sabiex l-access jilhaq l-iskop tieghu li huwa dak li jservi sabiex l-omm tqatta' *quality time* mat-tifla bil-ghan li ssahhah ir-relazzjoni taghha ma' bintha.

Ghaldaqstant tilqa’ t-talba tal-omm u tordna li meta l-missier jibghat lit-tifla ghand l-omm ghall-access huwa ma jibghatx pakketti tal-ikel mat-tifla.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb